MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2014

Appell Civili Numru. 120/2013/1

**Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi**

**Vs**

**Articraft Creative Services Limited**

Il-Qorti,

Fl-4 ta' Ottubru 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat ir-rikors ipprezentat minn Aircraft Creative Services Limited nhar it-2 ta' April 2013 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn talbet is-segwenti:*

*"ILLI, nhar it-22 ta' Marzu 2013, l-esponenti giet notifikata bl-ittra ufficjali fl-ismijiet fuq premessi li permezz taghha d-Direttur intimat, fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, talab lill-istess esponenti sabiex thallas is-somma ta' elfejn, tlett mija u tlettax-il ewro u ghoxrin centezmu (€2,313.20) rapprezentanti arretrati tal-licenzja WT/0881/1993 li ghalqet fit-30 ta' Settembru 1995;*

*ILLI, fl-umli fehma tal-esponenti, t-talba tad-Direttur intimat hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan, inter alia, ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. ILLI, in linea preliminari, t-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja hija preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);*
*2. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, billi, kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-ittra ufficjali promutorja, l-licenzja WT/0881/1993 ghalqet fit-30 ta' Settembru 1995, l-ebda ammont ma jista' jkun dovut mill-esponenti lill-intimat ghal xi perjodu sussegwenti ghall-imsemmija data;*
*3. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti qatt ma talbet illi tiggedded il-licenzja WT/0881/1993 wara t-30 ta' Settembru 1995 u dan billi, wara l-imsemmija data, l-istess esponenti la kienet fil-pussess u lanqas ma kienet qed tuza l-apparat meritu tal-istess licenza;*

*4. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, jispetta unikament lid-Direttur Intimat illi jressaq prova cara u skond il-ligi tal-ammont minnu mitlub, u tas-servizzi minnu rezi, a tenur, inter alia, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*
*5. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, t-talba tad-direttur intimat hija infondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement timmerita li tigi respinta u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.*

*GHALDAQSTANT l-esponenti jitlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja li tilqa' dan ir-rikors, tiddikjara illi t-talba tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi, fi hdan il-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja fl-ismijiet fuq premessi, hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi u bl-ispejjez kontra l-istess Direttur intimat."*

*Rat ir-risposta tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ghall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni li giet prezentata fl-10 ta' April 2013 fejn eccepixxa:*

*"Illi permezz ta' Rikors fl-atti tal-ittra ufficjali nru 1805/2012 datat 2 ta' April, 2013 ir-rikorrenti qieghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara t-talba tal-esponent ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u tlett mija u tlettax-il ewro u ghoxrin centezmu (€2,313.20) mahruga permezz ta' ittra ufficjali 1805/2012 a tenur ta' l-artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dovuta f'arretrati tal-licenzja WT/0881/1993 bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi in linea preliminari, in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, wara verifiki li ghamel l-esponent, huwa qieghed kontestwalment mar-risposta odjerna jipprezenta Nota ta' Riduzzjoni fil-kawza fl-ismijiet premessi sabiex permezz taghha jirriduci l-ammont dovut ghall-ahhar hames snin*

*ta’ qabel intbaghtet l-ittra ufficjali 1805/2012 jigifieri ghal hames mija u disa’ u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€569.66);*

*Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, t-talba tal-esponent ghall-hlas tal-arretrati tal-licenzji in kwistjoni kif prezentament ridotta hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet segwenti:*

*Illi d-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi intavola l-azzjoni taht l-Artikolu 466 tal-Kap 12 bil-ghan li jigbor flejjes tal-Gvern ta’ Malta u jagixxi bis-sahha ta’ Att XII 2010 li ghalkemm hassar l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni Kap 49 (fl-2010), zamm ukoll in vigore certi aspetti tal-Att li fost l-ohrajn f’artikolu 2(3) jghid li “Minkejja d-dispozizzjonijiet l-ohra ta’ dan l-artikolu, l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni ghandu jibqa’ fis-sehh ghall-fini ta’ kull procediment mibdi jew li ghad irid jinbeda dwar kull ksur ta’ dak l-Att jew ta’ kull regolament maghmulin tahtu meta jidhol fis-sehh dan l-artikolu.”*

*Illi l-artikolu 3(1) ta’ Kap 49 kien jghid:- “bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (II) ebda persuna m’ghandha minghajr ma jkollha licenzja individwali moghtija bil-miktub mill-Ministeru, taghmel, tixtri, tbiegh jew ikollha fil-pussess taghha jew taht il-kontroll taghha ebda apparat.”;*

*Illi l-imsemmija licenzja WT/0881/1993 ghalqet fit-30 ta’ Settembru tas-sena 1995 mhuwiex ta’ pregudizzju ghad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi. In fatti l-licenzja kienet taghlaq kull sena biex wara tkun tista’ tigi mgedda u kien biss fit-3 ta’ Jannar, 2012 illi l-licenzja giet revokata mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar il-Komunikazzjoni u liema revoka gabet maghha wkoll it-tehid ta’ kull frekwenza tar-radju li kienet giet assenjata lir-rikorrent bl-iskop li jistabilixxi u jopera l-apparat ta’ radjokomunikazzjoni. Ghalhekk l-ammont kumulat sussegwenti ghat-30 ta’ Settembru, 1995 huwa dovut mir-rikorrenti lill-Gvern ta’ Malta (Dok A).*

*Illi inoltre wara verifiki li ghamel l-esponent mal-Awtorita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) gie infurmat li kemm mill-file tal-ex Dipartiment tat-telegrafija minghajr fili / Wireless Telegraphy Department kif ukoll mir-records tal-Awtorita' kompetenti (MCA) ma jirrizultax illi l-Awtorita/jiet qatt ma ircevew xi talba bil-miktub minghand il-licenzjat jew xi dealer tal-apparat ghall-kancellament tal-licenzja WT/0881/1993.*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost kienet ir-responsabbilta' tar-rikorrenti li jibghat jinforma lill-Awtoritajiet permezz ta' affidavit jekk kif hu allegat fir-rikors ma kienx baqa' fil-pussess tal-apparat u lanqas ma kien ser ikompli jaghmel uzu mill-apparat meritu tal-istess licenzja, pass li ma jirrizultax li sar da parti tar-rikorrenti. Di piu' l-ebda dealer tal-apparat ma kkonferma permezz ta' affidavit it-tezi tar-rikorrenti.*

*Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma t-talba tal-esponent fl-ittra ufficjali 1805/2012 ghall-hlas tas-somma kif ridotta ghas-somma ta' hames mija u disa' u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€569.66) u tichad il-bqija tat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti bl-ispejjez a karigu tal-istess socjeta'."*

*Rat in-nota ta' riduzzjoni tad-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi li giet prezentata fl-10 ta' April 2013 li permezz taghha b'referenza ghall-ittra ufficjali Nru 1805/2012 tat-18 ta' Lulju, 2012 fl-ismijiet '**Id-Direttur ghas-Servizzi Korporattivi vs Articraft Creative Services Limited (C3527)'** rriduca t-talba tieghu ghall-hlas ta' arretrati tal-licenzja WT/0881/1993 mis-somma ta' elfejn, tlett mija u tlettax-il ewro u ghoxrin centezmu (€2,313.20) ghas-somma ta' hames mija u disa' u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€569.66).*

***Mario Azzopardi** xehed fit-18 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li huwa qed jixhed ghan-nom u in rapprezentanza tar-Registratur Qrati Civili u*

*Tribunali. Huwa spjega li rcieva l-verbal tal-Qorti tas-6 ta' Gunju 2013 sabiex jaghti spjegazzjoni dwar ghaliex l-ittra ufficjali bin-numru 1805/12 datata 18 ta' Lulju 2012 ma kienetx inserita fl-atti. Ix-xhud stqarr li mis-seduta tas-6 ta' Gunju 'l hawn saret tfixxija ghal din l-ittra ufficjali fejn filfatt instabet u ghalhekk illum huwa jinsab f'pozizzjoni li jesebixxi fotokopja vera ta' dan id-dokument kemm ta' quddiem kif ukoll tar-riferti taghha. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument Z. Huwa esebixxa wkoll dikjarazzjoni guramentata li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z1. Mistoqsi meta s-socjeta' Articraft Creative Services Limited giet notifikata bl-ittra ufficjali tad-Direttur tas-Servizzi Korporattivi wiegeb li sal-lum il-gurnata din ghadha negattiva.*

***Brian Buhagiar*** *xehed fid-9 ta' Lulju 2013 u spjega illi huwa jahdem fi hdan id-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi. Spjega illi l-applikazzjoni inizjali kienet saret f'Awwissu 1993 u l-applikant kien Joe Fenech Soler. In segwitu din il-licenzja baqghet tithallas ghas-snin 1993, 1994 u 1995. L-ewwel skadenza li ma thalsitx kienet ghas-sena 1996. Spjega li l-licenzja kienet ghal speci ta' uzu ta' private mobile phone billi jkun hemm nies li jikkomunikaw ma' nies ohra. Tenna li l-apparat kien ta' Joe Fenech Soler waqt li huma jipprovdu s-servizz. Qal li d-dipartiment kien ghamel diversi tentattivi biex is-sur Fenech jipprovdi affidavit ghaliex kien qalilhom li kien irritorna s-settijiet tieghu lura lid-dealer peress li ma kienux jahdmu. Fil-fatt qal li fil-fajl taghhom hemm nota registrata fis-sena 2001 li kienu tawh zmien sal-10 ta' Ottubru 2001 sabiex jaghlaq din il-pendenza u kienu bghatulu kont pero' dan rega mar lura ghandhom. Huma ipprovaw jaghmlu kuntatt mas-Sur Fenech Soler fis-27 ta' Novembru 2001 pero' ma kienx hemm ezitu posittiv. Regghu ipprovaw ikelmuh l-ghada 28 ta' Novembru 2001 fejn skond dak li kien hemm miktub fil-file kienu sabu lill-ibnu certu Chris u hallewlu messagg. Stqarr li skond ir-records dan kien cemplilhom lura u kkonfermalhom li l-apparat tat-telefonija ma kienitx qed tahdem sew u ghalhekk kien irritornha. Spjega illi jekk l-apparat ma kienx tajjeb kienet ir-responsabbilta' tal-licensee sabiex isewwih u mhux tad-dipartiment. Huwa tenna li meta jaghtu servizz bhal dan huma ma jinstallaw l-ebda aerial sabiex jaghtu xi reception. Id-Direttorat huwa responsabbli biss ghal 'collection' tal-hlasijiet tal-licenzji u ghal ispektrum tal-frekwenzi biss.*

*Mistoqsi in kontro-ezami jekk is-sur Fenech Soler kienx appplika ghan-nom ta' xi hadd wiegeb li meta kien ghamel l-applikazzjoni originali fis-17 ta' Awwissu 1993, l-isem tas-socjeta' Aircraft Creative Services Limited ma tidhirx u ghalhekk fil-fehma tieghu ir-responsabilita' taqa' f'idejn Joe Fenech Soler. Pero' minkejja li d-dipartiment talab lis-sur Fenech Soler biex jaghtihom affidavit dan qatt ma hadu u dan minkejja d-diversi tentattivi minn naha taghhom. Iddikjara li prova li s-sur Fenech Soler kien irritorna l-appartat ma ghandhomx; qatt ma nghata lilhom. Qal li l-procedura hija li qabel ma bniedem jirritorna l-apparat lid-dealer irid l-ewwel ihallas il-pendenzi u l-iskadenzi tal-licenzji. Huwa esebixxa kopja tal-applikazzjoni li giet markata bhala Dok Z kif ukoll ittra li giet mibghuta lilhom mill-Police Head Quarters li giet immarkata bhala Dok Z1. Iddikjara li fil-fajl ittri mibghuta mis-sur Fenech Soler ma hemmx. Huwa ghamel referenza ghal verbal datat 26 ta' Settembru, 2001 registrat fil-fajl taghhom u dan jaqra hekk:-*

*"Phoned Mr Fenech Soler residence and spoke with his son, he stated that the equipment was given back to Blitz some months after the license. The license was issued on September 1993, payment up to September 1995. I gave him up to 10 October 2001 to settle the matter"*

***Joseph Fenech Soler*** *xehed nhar id-9 ta' Lulju, 2013 u kkonferma li jaf li kien applika ghal wireless telegraphy license. Qal li meta xtraw l-apparat dan ma kienx jahdem sew u sussegwentement jaf li kien gie imwahhal xi aerial pero' nonostante dan is-servizz xorta ma baqax tajjeb u ghalhekk irritorna lura dan l-equipment. Jaf li kienu kitbu lid-dipartiment u jaf li kien spjegalhom dak li kien gara u billi ma sema' xejn aktar minghandhom assuma li l-kwistjoni kient maghluqa. Kien biss fis-sena 2012 meta ircieva l-ittra ufficcjali. Qal li bejn is-snin 2001 u 2012 huwa ma rcieva l-ebda komunikazzjoni minghand id-direttorat tal-wireless u telegraphy u din l-applikazzjoni kienet sabiex huma jkollhom din is-sistema tal-wireless telegraphy ghall-impjegati tal-fabbrika. Huwa*

*ikkonferma li ibnu jismu Chris u fil-fatt kien impjegat tal-fabbrika immexxija mis-socjeta' Aircraft Creative Services Limited. Qal li l-apparat in kwistjoni kien gie ritornat xi xahrejn wara ghaliex ma bediex jahdem u kien ghalhekk li iddisponew minn dan l-apparat fis-sena 1994. Ikkonferma li d-dipartiment qatt ma kitiblu jew talbu sabiex jaghmel xi affidavit. Kien hu minn rajh li kien cempel u nfurmhom li kien irritorna l-apparat u li ma kienx bi hsiebu jkompli jhallas il-*

*licenzji. Huwa qatt ma ghadda xi dokumentazzjoni lid-Dipartiment dwar ir-ritorn tal-apparat lis-socjeta' Blitz u dan ghaliex ma kienx hasibha qabel.*

***Ivan Borg** xehed fid-9 ta' Lulju 2013 u qal li huwa jokkupa l-kariga ta' frequency investigation technician mal-Malta Communciations Authority. Jghid li kien gie mqabbad sabiex jaghmel ricerka fuq is-socjeta' Articraft Creative Services Limited u spjega li dak iz-zmien din is-socjeta' kellha licenzja minghand il-Wireless Telegraphy Dipartment sabiex ikollu fil-pussess tieghu apparat uzat ghal private land mobile radio tal-marka Midland serieal number 078938 u zewg portable radios tal-marka Midland serial number wiehed minnhom 3160318 u l-iehor 157307. Qal li dan l-apparat igorr mieghu l-frekwenza li tkun partikolari ghal dik il-licenzja u ma tistax tintuza minn xi haddiehor. Iddikjara li peress li l-frekwenzi huma limitati, l-Awtorita' kienet ghamlet ezercizzju u dan sabiex tara il-licenzji li ma kienux ghadhom qed jithalsu sabiex tkun tista tirkupra l-frekwenza lura u ghalhekk fit-3 ta' Jannar 2012 l-Awtorita' irrevokat il-licenzja tas-socjeta' rikorrenti u dan sabiex tkun tista' talloka l-frekwenza lil xi haddiehor. Mistoqsi mill-Qorti jekk effettivament ghandhiex provi li l-frekwenza kienet tintuza mis-sena 2001 sa 2012 jghid li ghalihom ma taghmilx differenza ghaliex il-ligi titkellem dwar pussess u dak iz-zmien la ssiggilaw u lanqas ma iddistruggew u lanqas ma kellhomx xi direzzjoni sabiex jitrasferixxu dan l-apparat lil haddiehor. Qal li peress li l-frekwenza li jaghtu tkun marbuta mal-persuna partikolari sakemm din il-persuna ma tikkomplejnjax maghhom li ghandha interferance huma ma jimmonitorjawx il-frekwenza. Sostna li f'dan il-kaz ma kellhomx complaints. Qal li ilu jahdem f'dan id-dipartiment mis-sena*

*1992 u ma jafx li kien hemm xi problema dwar ir-reception ftit wara li harget il-licenzja.*

*Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors u dan fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2013 u jawtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi skond in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mill-intimat illum il-gurnata l-intimat qed jitlob il-hlas ta' licenzja ghall-perijodu mis-sena 2006 sas-sena 2011 u dan fl-ammont ta' hames mija u tlieta u ghoxrin ewro (€523) oltre l-penali fl-ammont ta' sitta u erbghin ewro u erbghin centezmu (€46.40) rapprezentanti l-penali dovuta*

*ghall-ahhar erba' snin bir-rata ta' hdax-il ewro u sittin centezmu (€11.60) ghal kull sena u bir-rata ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) ghas-sena 2007. B'hekk totalment l-intimat qed jitlob minghand ir-rikorrenti l-ammont ta' hames mija u wiehed u tmenin ewro u hames centezmi (€581.05).*

*Illi mhux kontestat li s-socjeta' rikorrenti fis-sena 1993 kienet applikat mad-Dipartiment tal-Wireless and Telegraphy sabiex tottjeni licenzja ghall-uzu ta' 'private mobile radio' liema licenzja kienet inghatatilha. Jidher li in segwitu s-socjeta' rikorrenti kellha xi diffikulta' bl-uzu tal-apparat li kienet xtrat tant li allegatament kienet irritornat dan l-apparat lura lis-socjeta' Blitz ghalkemm prova dokumentarja dwar dan fl-atti ma jirrizultax. Jidher ukoll li s-socjeta' rikorrenti ma baqghetx thallas il-licenzja u s-socjeta' intimata ma ghamlet xejn dwar dan salv li baghtet ittra ufficcjali fis-sena 2012 fejn talbet l-arretrati kollha.*

*Joe Fenech Soler ghas-socjeta' rikorrenti jghid li huwa kien minghalih li ma kellux ihallas aktar il-licenzji peress li ma kienx qed jaghmel uzu minn tali radios izda l-intimat isostni li l-hlas ghandu jsir xorta u dan ghaliex skond il-ligi bniedem ihallas tal-licenzja jekk ikollu fil-pussess tieghu tali licenzja. L-intimat jghid li kien talab lis-socjeta' rikorrenti sabiex tipprovdilhom affidavit dwar ir-ritorn tal-apparat pero' dan nonostante Joe Fenech Soler jichdu u jghid li qatt ma gie mitlub jaghmel xejn.*

*Illi fl-atti ma jirrizulta li saret l-ebda komunikazzjoni bil-mitkub bejn il-partijiet salv li giet intavolata ittra ufficjali kontra s-socjeta' rikorrenti nhar it-18 ta' Lulju, 2012 numru 1805/2012 li abbazi taghha saret il-kawza odjerna.*

*Is-socjeta' rikorrenti fit-talba odjerna teccepixxi il-preskrizzjoni ai termini ta' l-***Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16** *u abbazi ta' din l-eccezzjoni l-intimat ipprezenta n-nota ta' riduzzjoni teighu u li ghalhekk tali eccezzjoni ma tifformax parti minn din is-sentenza stante li giet ezawrita fil-mori tal-pendenza stante li l-ammont mitlub originiarjament gie drastikament ridott fil-mori ta' din l-istess pendenza.*

*Illi s-socjeta' rikorrenti tghid ukoll li t-talba tal-intimat hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex hija kienet irritornat l-apparat taghha fis-sena 2004 u ghalhekk ma ghamlitx uzu minn tali licenzja. L-intimat pero' ma jaqbilx ma' din it-tezi u jghid li l-licenzja trid tithallas sal-mument li tigi revokata.*

*Issa skond l-***Artikolu 28(4) tal-Kap 399** *hemm stipulat li:*

*"Licenzja individwali tar-radjokomunikazzjoni moghtija taht dan l-Artikolu ghandha kemm il-darba ma jkunx giet qabel revokata mill-Ministru jibqa' fis-sehh ghal dak il-perijodu li jista jigi specifikat fil-licenzja".*

*Illi mill-atti jirrizulta li l-licenzja giet revokata skond ix-xhieda moghtija minn Ivan Borg nhar id-9 ta' Lulju 2013, nhar it-3 ta' Jannar 2012. Dan huwa kaz simili bhal meta konducent ta' karozza ma jhallasx il-licenzja tat-triq fuq il-vettura tieghu ghal perijodu ta' zmien u wara numru ta' snin imur sabiex jiskrapja l-vettura u jirritorna l-pjanci jew adirittura imur sabiex ihallas ir-road license sabiex ikun jista' jbiegh l-istess vettura u jirregistraha fuq terz, l-istess konducent ikollu jhallas il-licenzji kollha b'lura qabel dan ma jsehh. Din hija sitwazzjoni simili u ghalhekk id-dritt tal-intimat li jitlob il-hlas tal-licenzji b'lura jibqa' hemm sal-mument li l-licenzja giet revokata.*

*L-avukat difensur tas-socjeta' rikorrenti jsostni fit-trattazzjoni tieghu li huwa l-intimat li ghandu jipprova li llum il-gurnata hemm l-installazzjoni li dwarha qed jintalab il-hlas. Il-Qorti pero' ma taqbilx ma din it-tezi u dan ghaliex l-intimat kull ma jrid jaghmel hu li jipprova li kien hemm applikazzjoni f'isem ir-rikorrenti ghal dan is-servizz, li dan gie provdut li bdew isiru l-pagamenti u li l-hlas ma baqax isir u li ghalhekk hemm bilanc li irid jigi irkuprat. Il-Qorti fil-fatt rat li Joe Fenech Soler Managing Director tas-socjeta' rikorrenti qatt ma cahad li kien hemm tali sistema izda jghid li ma kienitx tajba u li kien ghalhekk li kien irritorna lura l-apparat u waqaf milli jaghmel uzu minn tali licenzja. Pero' ma jgib l-ebda prova li efettivament kien gharraf lill-intimat b'dan ghaliex fil-fatt skond ix-xhieda moghtija minn Ivan Borg u Brian Buhagiar ma jidhirx li effettivament kien hemm xi complaint f'dan ir-rigward fil-file.*

*Illi ghalhekk il-hlas tal-licenzja ghal dawn l-ahhar hames snin u cioe' mis-sena 2006 sas-sena 2011 fl-ammont ta' hames mija u tlieta u ghoxrin ewro (€523) huwa dovut.*

*Fir-rigward il-hlas tal-penali fejn qed tintalab is-somma ta' hames mija u wiehed u tmenin ewro u hames centezmi (€581.05) jinghad li skond il-ligi u cioe' l-Kapitolu 399 ma hemm xejn x'jindika li f'kaz li ma ssirx il-hlas tal-licenzja fil-hin propizju allura tigi fissata xi penali amminsitrattiva*

*molto piu' meta tqis li l-ammont kien qed jigi kontestat b'kawza u ghalhekk tali talba fir-rigward tal-hlas ta' penali amministrattiva ser tigi michuda.*

***Ghalhekk din il-Qorti qieghda tirriduci t-talba dovuta lill-intimat fl-ammont ta' hames mija u tlieta u ghoxrin ewro (€523) rapprezentanti l-hlas tal-licenzja ghal hames snin u konsegwentement tordna li l-ittra ufficcjali numru 1805/2012 tibqa' ezekuttiva fl-ammont ridott ta' hames mija u tlieta u ghoxrin ewro (€523).***

***Il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' rikorrenti thallas tlett kwarti mill-ispejjez waqt li r-rimanenti kwart jithallas mill-intimat u dan ghaliex l-intimat messu kien jaf qabel ma pprezenta l-ittra ufficjali tieghu tat-18 ta' Lulju 2012 li l-ammont kollu mitlub f'dik l-ittra ma kienx kollu dovut stante l-preskrizzjoni."***

Illi l-appellanti s-socjeta Articraft Creative Services Limited appellat mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

a. Interpretazzjoni zbaljata mill-Ewwel Qorti tal-ligi li tirregola it-komunikazzjonijiet elettronici u senjatament il-Kapitolu 49 u il-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dana jista' iwassal biss ghal konkluzjoni illi l-ebda ammont ma hu dovut mis-socjeta appellanti lid-Direttur. Illi ghal dak li jirrigwarda hlas ta' licenzja ghas-snin 2007, 2008 u 2009 ghandu japplika l-artikolu 3 tal-Kapitolu 49. Dana ghaliex kif gie ippruvat ghal dawn is-snin is-socjeta appellanti ma kellhiex fil-pussess taghha l-ebda apparat elettroniku. Dana sehh wara li Joseph Fenech Soler

rappresentant tas-socjeta appellanti irritorna l-apparat, ossija, radios, minn fejn kienu inxtraw billi dawn ma kenux jahdmu u dana fl-1994.

b. L-ebda ammont ma hu dovut lanqas ghas-snin 2010 u 2011 billi hawn japplikaw id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 30(2) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta billi ghal dawn is-snin jiirizulta illi s-socjeta appellanti la installat u wisq anqas uzat xi apparat ta' radjokomunikazzjoni. Dana ghaliex mill-2010 'il quddiem huwa biss l-uzu ta' apparat li jenhtieg il-licenzja u mhux ukoll is-semplici pussess ta'l-istess.

c. Illi l-ahhar aggravvju jikkoncerna il-kap ta'l-ispejjez billi s-socjeta appellanti tilmenta illi hija ma kellhiex tigi akkollata tlett kwarti mill-ispejjez billi l-ammont kien gie ridott fil-mori tal-proceduri mid-Direttur u dana billi iktar minn tlett kwarti mill-ammont indikat fl-ittra ufficjali mill-istess Direttur irrizulta li ma kienx dovut.

Illi dina il-vertenza illum tirrigwarda il-hlas ta'l-ammont ta' €569.66 billi id-Direttur irriduca it-talba tieghu fil-konfront tas-socjeta intimata mill-ammont originarjament mitlub ta' €2313.20 u dana fid-dawl ta'l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess socjeta intimata. Ghalhekk l-Ewwel Qorti iddecidiet illi l-ittra ufficjali tad-Direttur numru 1805/2013 tat-18 ta' Lulju 2013 kellha tibqa ezekuttiva ghall-ammont ridott ta' €523, minkejja illi n-nota ta' riduzzjoni tindika xort'ohra, u dana arretrati ta' licenzi ghas-snin 2006 sa l-2011.

Illi minn ezami akkurat ta'l-atti ghandu johrog illi l-licenzja in kwistjoni inharrget fuq isem il-*licensee* Joseph Fenech Soler li taha bhala indirizz tieghu Articraft Limited, Notabile Road, Attard.[1] Dana huwa ikkonfermat minn Brian Buhagiar impjegat fi hdan id-Direttorat tas-Servizzi Korporattivi li fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Lulju 2013 jispjega illi is-sur Fenech Soler kien applika f'ismu personali u mhux ghan-nom ta' persuna guridika jew fizika ohra u dan fis-17 ta' Awwissu 1993. Illi l-appellat issostni illi ix-xhieda ta' Buhagiar kellha tinftiehem xort'ohra u cioe illi l-licenzja kienet inharrget fuq isem is-socjeta ghalkemm dokumenti li jindikaw dan fosthom il-licenzja relattiva qatt ma giet esebieta in atti. Dan il-kwezit, madanakollu, gie imsemmi f'postilla mis-socjeta appellanti u mhux imlahham f'aggravvju separat kif kien ikun xieraq. Kwindi il-Qorti, ghalkemm jidhrilha li dan kien fatt materjali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza, hija prekluza milli tidhol *funditus* sabiex tiddeciedi dan il-kwezit legali u dana billi ghalkemm hija is-socjeta appellanti li giet interpellata bhala *licensee* ghal hlas tal-arretrati ta' licenzji, madanakollu mill-atti ma jirrizultax bhala fatt materjali fuq min harrget dina l-licenzja.

Maghmula din il-premessa l-Qorti ser tghaddi biex titratta l-aggravvji sollevati mis-socjeta appellanti. Illi qabel xejn jigi rilevat illi ghalkemm ma hemmx prova dwar meta l-apparat ta' telekomunikazzjoni gie ritornat minn Joseph Fenech Soler lis-socjeta Blitz, minn fejn allegatament kien inxtara, madanakollu ma jidhirx illi dan huwa xi fatt ikkontestat bejn il-partijiet. Tant hu hekk illi l-istess Brian Buhagiar jikkonferma illi ghal habta tas-sena 2001, id-Dipartiment kien gie infurmat mis-sur Fenech Soler illi huwa ma kienx ghadu fil-pussess ta' dana l-apparat[2], izda billi id-Direttur intimat jippretendi illi kellu ikun il-*licensee* li

[1] Ara document a fol.29 tal-process
[2] Ara xhieda ta' Brian Buhagiar a fol. 27

jitlob ir-revoka formali ta'l-istess u dan qatt ma sar kwindi id-Direttorat ghadu qed jippretendi hlas ghall-istess sal-gurnata meta finalment iddecieda imbaghad minn jeddu huwa stess li johrog din ir-revoka.

Illi l-Qorti ma tistax ma tesprimiex perplessita' dwar kif licenzja li ma thallsitx ghal bosta snin u cioe' sahanistra ms-sena 1995 baqghet tigi imgedda regolarment mill-awtoritajiet responsabbli ghalkemm il-ligi fil-Kapitolu 49 kien jipprovdi xort'ohra. Illi l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni gie imhassar permezz ta'l-Att XII ta'l-2010 fejn gie dispost illi:

**Kull liċenza jew awtorizzazzjoni tkun kif tkun deskritta maħruġa jew li tkun tapplika taħt l-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jibqa' jkollha effett kif hemm fid disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi:**

**Iżda kull dritt ikun kif ikun deskritt dovut dwar xi liċenza jew awtorizzazzjoni maħruġa kif hemm fl-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, għandu jkun jista' jibqa' jinġabar, wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, bħallikieku kien dovut kif hemm fid-disposizzjonijiet li japplikaw tat-Taqsima IV tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.**

Stabbilit kwindi illi l-licenzja baqghet wahda valida mad-dhul fis-sehh tal-ligi il-gdida u l-applikazzjoni ghall-istess tad-disposizzonijiet tal-ligi li kienu jirregolaw l-istess fiz-zmien meta kienet ghada fis-sehh, il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 6 tal-Kapitolu 49 li jistabilixxi dak li ghandu isehh meta il-licenzja ma tkunx qed tithallas mil-*licensee*, procedura li jidher li ma gietx segwieta mid-Direttur f'dana il-kaz billi l-licenzja baqghet tigi imgedda awtomatikament ghalkemm baqghet ma thallsitx ghal diversi snin u ghalkemm l-*licensee* kien avza lid-Direttorat illi l-apparat ma kienx ghadu fil-pussess tieghu. Illi d-Direttur

appellat isostni illi kien fid-dmir tal-*licensee* illi jipprezenta affidávit sabiex jikkonferma dawn il-fatti bil-gurament, izda dana baqa' ma ghamlux u isostni li ma kenitx responsabbilta' tieghu illi jivverifika dawn il-fatti kif spjegati mil-*licensee*. Il-ligi madanakollu kienet tghid mod iehor u cioe' illi kien jispetta lid-Direttur jiehu azzjoni fl-eventwalita' illi l-licensee ma kienx qed jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet tal-licenzja u ma kienx qed jaghmel il-hlas relattiv, liema azzjoni kienet twassal mhux biss ghal imposizzjoni ta' multi u penalitajiet izda ukoll ghar-revoka tal-licenzja relattiva[3]. L-inattivita' minn naha tad-Direttorat wasslet ghall-ittra ufficjali mertu ta' dawn il-proceduri fejn intalab il-hlas ghal diversi snin, uhud minnhom sahansitra kienu waqghu preskritti.

Illi gustament allura l-appellanti iressaq l-agravvji minnu sollevati illi l-ebda hlas ma hu dovut ghas-snin 2006 sa 2011 billi f'dawn is-snin huwa ma kellux la fil-pussess u iktar tard meta giet emendata il-ligi lanqas l-uzu ta' dan l-apparat billi kien informa lid-Direttur sahanistra mis-sena 2001 li dan l-apparat ma kienx ghadu fil-pussess tieghu u kwindi illi l-licenzja dak iz-zmien skond il-ligi u id-diskrezzjoni tal-Ministru relattiv setghet giet revokata minghajr ebda azzjoni ohra da parti tal-*licensee*. Illi dina l-Qorti ma tistax taqbel mal-paragun migjub mill-Ewwel Qorti dwar licenzji mahruga ghal vetturi billi dawn huma regolati b'disposizzjonijiet tal-ligi *ad hoc* li ma ghandhom l-ebda somiljanza mal-ligi in dizamina.

Illi ghalhekk l-Qorti taqbel mar-ragunament milhuq minn din il-Qorti kif diversament ippresjduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet Direttur ghas-Servizzi

---

[3] Artikolu 6(2) tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta

Korporattivi vs Sovereign Hotels Limited deciza fit-18 ta' Ottubru 2013 fejn gie deciz:

**"L-ewwel aggravvju tas-socjeta jirrigwarda l-arretrati reklamati mid-Direttur relattivi ghas-snin 2007, 2008 u 2009. Is-socjeta tissottometti illi fir-rigward ta' dawn l-arretrati hu applikabbli l-artikolu 3 tal-Att dwar ir-Radjokomunikazzjoni (Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jipprovdi in generali li hemm bzonn li ikun hemm licenza mahruga skond il-lig f'kaz illi xi persuna ikollha fil-pussess taghha apparat tar-radjokomunikazzjoni. Skond is-socjeta' jirrizulta mill-provi li matul is-snin 2007, 2008 u 2009, hi ma kienitx fil-pussess ta' xi apparat u kwindi ma kienx mehtieg minnha li tkun licenzjata skond l-imsemmi artikolu tal-Kapitolu 49. Skond is-socjeta l-ammonti relattivi ghall-imsemmija snin ma kellhomx jigu inkluzi fl-arretrati li d- Direttur qed jitlob.**

**It-tieni aggravvju tas-socjeta jirrigwarda l-ammont li qed jitlob id-Direttur ghas-snin 2010 u 2011. Skond is-socjeta'ghall-imsemmija snin ghandhom japplikaw il-provedimenti tal-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettronici (Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta). Is-socjeta' tirreferi ghall-artikolu 30(2) tal-istess Att li jistipula li hemm bzonn li jkun hemm licenza fil-kaz li xi hadd ikun irid jistalla jew juza xi appararat tal-komunikazzjoni elettronika. Skond is-socjeta, fis-snin in kwistjoni hi semmai kienet biss fil-pussess ta' apparat ta' radjokomunikazzjoni u ghalhekk ma kellhiex bzonn licenza stante li ma kenitx qed tuza l-istess apparat. Skond is-socjeta' dan il-fatt lanqas ma hu kontestat mid-Direttur. In vista ta' dawn l-aggravji s-socjeta' tikkonkludi li addirittura ebda ammont ma hu dovut lid-Direttur bhala arretrati fil-hlas ta' licenzji."**

**"Effettivament din il-Qorti thoss li dawn l-artikoli huma applikabbli. Difatti l-artikolu 3 tal-Kapitolu 49 tal-Ligijiet ta' Malta hu applikabbli stante li ma jirrizultax sufficjentement li s-socjeta' kellha fil-pussess taghha, fis-snin 2007, 2008 u 2009, apparat, ghall-liema pussess kien hemm bzonn ta' licenza. Inoltre ghas-snin 2010 u 2011, ma jirrizultax sodisfacjentement li s-socjeta' kellha fil-pussess u kienet qed tuza xi apparat. Kwindi skond l-artikolu 30(2) tal Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta) ma kienx hemm bzonn li jkun hemm licenzja. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tas-socjeta li ma hu dovut l-ebda ammont lid-Direttur bhala arretrati."**

Illi din il-Qorti thoss li ma ghandha xejn iktar x'izzid ma' dak diga deciz fis-sentenza hawn fuq iccitata billi f'dan il-kaz, kwazi identiku, huwa fatt mhux ikkontestat illi l-apparat mertu tal-kawza la kien fil-pussess tas-socjeta

appellanti u kwindi inqas u inqas hija kellha l-uzu ta'l-istess ghas-snin fejn qed jigi reklamat il-hlas u cioe' ghas-snin bejn l-2006 u l-2011.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tilqa' l-appell tas-socjeta appellanti u filwaqt li tirrevoka is-sentenza appellata tiddeciedi li t-talba tad-Direttur kif dedotta fl-ittra ufficjali 1805/2012, kif ridotta, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement l-ebda ammont ma hu dovut lill-istess Direttur.

L-ispejjez kollha kemm ta' din l-istanza kif ukoll tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti u dawk ta'l-ittra uicjali 1805/2012 ghandhom jigu sopportati mid-Direttur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------